# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tnejn, 13 ta' Mejju 2019

## Talba Numru 48/2019SFJ

***Berhe Zeweldi Solomon (112831A)***
***vs.***
***Omair Elsadi (196502L)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' tlett elef u seba' mitt Ewro (€3,700) għas-segwenti raġunijiet:

- L-ammont mitlub jirrappreżenta l-valur ta' vettura li ġiet mibjugħa mill-konvenut lill-attur nonostante li ma kinitx fi stat tajjeb biex tinstaq;

- Ġie ffirmat ftehim fit-23 ta' Ottubru 2018 skont liema ftehim il-konvenut obbliga ruħu li jirrifondi lill-attur is-somma ta' erbat elef u seba' mitt Ewro (€4,700) f'pagamenti mensili ta' seba' mija u erbgħin Ewro (€740) u dan peress li fil-ġurnata tal-istess ftehim, il-konvenut kien irrifonda lill-attur is-somma ta' elf Ewro (€1,000);

- Il-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont dovut minnu iżda qatt ma ħallas u baqa' jippersisti fl-inadempjenza tiegħu.

Ra li għal dawn ir-raġunijiet, l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' tlett elef u seba' mitt Ewro (€3,700) bl-imgħaxijiet mid-data ta' meta l-ammont sar dovut sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet dekorribbli mid-data ta' meta l-ammont sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba li tikkonsisti f'kopja ta' ftehim bejn il-kontendenti immarkat dokument "A".

Ra li l-konvenut ġie debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smigħ fit-3 ta' April 2019 kif jirriżulta mir-riferta relattiva iżda ma ippreżenta ebda Risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li fis-seduta tad-29 ta' April 2019, xehed l-attur u ikkonferma taħt ġurament li l-ammont mitlub, jiġifieri l-ammont ta' tlett elef u seba' mitt Ewro (€3,700), għadu dovut lilu.

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2019, il-konvenut reġa' ma deherx u lanqas ippreżenta Risposta sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li d-dokument "A" ippreżentat in sostenn tat-talba huwa ftehim bejn il-kontendenti datat 23 ta' Ottubru 2018 li permezz tiegħu, il-konvenut biegħ vettura Citroen C5 (numru ta' reġistrazzjoni: GGY666) lill-attur għall-prezz ta' erbat elef Ewro (€4,000). Kien stipulat li wara l-bejgħ, irriżulta li l-vettura kellha numru ta' difetti u x-xerrej (l-attur) ħallas seba' mitt Ewro (€700) f'tiswijiet. Wara dawn it-tiswijiet, il-vettura xorta waħda m'għaddietx mill-*vehicle roadworthiness test* (VRT). Dakinhar tal-iffirmar tal-ftehim, l-attur irċieva s-somma ta' elf Ewro (€1,000) u ħalla d-debita riċevuta. Kien għalhekk fadal li l-attur jitħallas is-somma ta' tlett elef u seba' mitt Ewro (€3,700) f'pagamenti mensili ta' seba' mija u erbgħin Ewro (€740) bejn it-23 ta' Novembru 2018 u t-23 ta' Marzu 2019. Permezz tal-istess ftehim, l-attur obbliga ruħu li jirritorna l-vettura lill-konvenut fil-ġurnata tal-iffirmar tal-ftehim.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li fil-kontumaċja tal-konvenut, it-talba tal-attur ġiet sodisfaċentement ippruvata.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tlett elef u seba' mitt Ewro (€3,700) bl-ispejjeż u imghaxijiet kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**